# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 500/2013**

Il-Pulizija

vs

**Josef Gauci**

iben Santo, imwieled Pieta, fis-27 ta’ Dicembru, 1976, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 229777(M)

Illum, 13 ta' Marzu, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Josef Gauci quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli wara t-Tribunal għall-Konsumatur ħareġ deċiżjoni fil-konfront tiegħu nhar is-7 ta’ Jannar, 2011 u wara li ġie formalment innotifikat bl-istess deċiżjoni, naqas milli jaderixxi ruħu mal-imsemmija deċiżjoni u dan bi ksur tal-artikolu 25A tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap 378 tal-Liġijiet ta’ Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' sejbien ta' ħtija timponi fuq l-akkużat multa ai termini tal-istess Artikolu 25A tal-Att dwar l-affarijiet tal-Konsumatur (Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Novembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 25A tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta), ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u illiberatu mill-istess akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali tal-21 ta' Novembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tistabilixxi n-ness legali bejn l-appellat u l-isem tal-kummerc Ivory & Co, issib lill-istess appellat ħati tal-akkuża dedotta kontra tiegħu u tipproċedi biex tinfliġġi l-piena adegwata skont il-liġi u għall-aħjar interess tal-ġustizzja.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza liberatorja tagħha hawn fuq riferita, waslet ghal enuċazzjoni żbaljata jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-liġi meta ġiet biex tinterpreta l-fatti u id-dokumentazzjoni miġjuba matul il-każ, u dan għar-raġunijiet segwenti :

Illi l-ewwel Qorti iddikjarat li ma setgħatx issib in-ness legali bejn Josef Gauci u Ivory & Co kif indikata fis-sentenża mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur. Jidher li l-Qorti riedet tistabilixxi dan in-ness limitatament biss mid-diċitura tas-sentenża in kwistjoni li effettivament ma jindikax jew isemmi lil Josef Gauci b'ismu. Madankollu, il-Qorti naqset milli tfittex dan in-ness mill-provi l-oħra li ġew eżebiti jew li ddeponew *viva voce* quddiem din l-istess Qorti u għaldaqstant m'apprezzatx il-provi kollha miġjuba quddiemha kif hu mistenni minnha skont il-Kodiċi Kriminali u dan mingħajr ma skartat jew mingħajr ma qiesithom inammissibli jew mhux kreddibbli skont il-liġi.

Illi apparti r-referta positiva lil Josef Gauci li tindika li hu stess irċieva t-taħrika biex jitla l-Qorti fl-indirizz c/o Ivory & Co, li fl-umli fehma tal-esponent diġa hija ndikazzjoni ta' dan in-ness, instema' r-rappreżentant tad-Dipartiment tal-Kummerċ (Keith Caruana) li ppreżenta l-liċenzja

tal-kummerc tas-Sur Gauci a folio 15 tal-atti proċesswali. Din il-liċenzja hija maħruġa f'isem l-appellat personalment bid-dettalji ta' identifikazzjoni tiegħu li jaqblu ma dawk miġjuba fl-akkuża u fejn jidher ċar illi l-isem tal-kummerc Ivory and Co jinstab indikat fuqu u cioe' huwa jezercita kummercjalment b'dak l-isem. In sostenn ulterjuri ta' dan hemm ukoll ix-xhieda tal-parte civile s-sinjura Saliba li fil-fatt għarfet lil Josef Gauci bħala l-persuna li miegħu kienet titratta u insibu wkoll dokumentazzjoni oħra nkluż kopji ta' *business cards* fuq isem l-istess appellat fejn jidher bħala *General Manager* u it-trade name Ivory & Co. (folio 21 – Dok AS1 u AS3). Jidher allura li l-ewwel Qorti ma qisietx u m'għamiltx apprezzament ta' dawn il-provi allavolja kollha ppreżentati u miġjuba quddiemha skont il-liġi u għaldaqstant naqset milli proċeduralment itihom il-pern tagħhom sabiex tistabilixxi dak li Hi rreferiet għalih bħala n-ness legali bejn Josef Gauci u is-sentenża mogħtija kontra Ivory & Co.

Illi kwindi effettivament jidher li l-ewwel Qorti skartat kompletament l-ezistenża tan-ness bejn Josef Gauci u l-isem kummercjali Ivory & Co mill-provi l-oħra kollha li kien hemm apparti s-sentenza kontra Ivory & Co li stabbilit ir-responsabbilta' fl-ewwel sentenza kif mogħtija mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur fis-sena 2011 u liema sentenza qatt ma ġiet appellata. Kwindi l-ewwel Qorti kellha tipproċedi billi teżegwixxi din is-sentenża fil-konfront ta' Josef Gauci minflok tilliberah kif fil-fatt għamlet.

Rat ir-risposta ta' Josef Gauci tat-13 ta' Jannar, 2013.

Illi l-esponenti umilment jissottometti illi l-aggravju tal-Avukat Generali ma jinkwadra ruhu taht ebda dispozizzjoni tal-Artiklu 413 u wisq anqas taht l-Artiklu 413 (l)(b)(iv)(i) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, citat minnu stess bhala l-bazi tal-appell.

Illi l-Artiklu 413(1)(b)(iv)(i) jiddisponi illi hemm lok ta' appell da parti tal-Avukat Generali meta l-imputat jinstab mhux hati billi "il-fatt ma jkunx fih ingredjenti ta' reat".

Illi, kif ampjament ripetut mill-appellant stess fir-rikors tal-appell tieghu, il-Qorti tal-Magistrati fl-ebda hin ma kkonkludiet illi l-fatti ma kienx fihom "ingredjenti ta' reat", izda qieset illi l-esponenti Josef Gauci ma seta' qatt jinstab hati li naqas milli jaderixxu ruhu ma decizjoni tat-

Tribunal tal-Konsumatur fejn hu ma giex ikkundannat u lanqas biss issemma, izda giet ikkundannata persuna ohra bl-isem "Ivory &Co".

IlIi b'ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma wiehed jista' b'xi mod jikkonkludi li din il-konkluzzjoni tal-Qorti tal-Magistrati li b'konsegwenza tieghu l-imputat gie liberat, tista' tinkwadra ruhha fid-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 413 u, iktar u iktar, dik citata mill-Avukat Generali stess.

Illi ghaldaqstant, l-esponenti jissottometti illi dan l-appell huwa null u ghalhekk, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara n-nullita tieghu u tichad it-talbiet tal-appellant Avukat Generali.

Illii, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari fuq espost, jigi sottomess illi l-esponenti ma jista' qatt jigi misjub hati illi m'ottemperax ruhu rna' decizjoni tat-Tribunal tal-Konsumatur li fiha la kien konvenut u lanqas ma jissemma b'xi mod.

Illi fil-5 ta' Novembru 2013 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ddikjarat lill-appellat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u illiberatu minn kull imputazzjoni u htija wara li hija ma sabitx ness bejn l-appellant u l-appellat.

Illi d-decizjoni datata is-7 ta' Jannar, 2011 u cioe' dik imsemmija fl-akkuza hawn fuq riprodotta kienet harget fil-konfront ta' Ivory & Co. u mhux fil-konfront tal-appellat Josef Gauci fil-kapacita personali tieghu kif gie insinwat fl-akkuza u dan kif evidenti mill-istess decizjoni, liema decizjoni qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B.

IlIi f'dik id-decizjoni t-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumatur kien ordna lil Ivory & Co. sabiex dan tal-ahhar ihallas lir-rikorrenti u cioe' Agnes Saliba is-somma ta' sitt mija u ghoxrin ewro (€620), bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess Ivory & Co.

Illi b'riferenza ghall-akkuza, jigi rilevat iili l-esponenti ma jista' jinstab hati qatt tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih, peress illi mhuwiex minnu illi t-Tribunal ghall-Konsumatur "hareg decizjoni fil-konfront tieghek" kif qed jinghad fl-akkuza billi l-ebda decizjoni ma nharget kontrih.

Illi m'hemm ebda lok u mhuwiex kompitu tal-Qorti tal-Magistrati illi tfittex xi "ness" bejn l-imputat u l-persuna li kontriha nghatat id-decizjoni tat-Tribunal tal-Konsumatur. Il-kompitu tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati hija dik illi ssib htija o meno tal-imputat abbazi tal-akkuza, kif ghamlet korrettement.

Illi effettivament, huwa "Ivory & Co" illi gie kkundannata thallas is-somma ta' €620 u mhux l-imputat u, fil-kamp kriminali, huwa inutli illi wiehed jittenta jfittex "ness" bejn individwu u dak illi l-Avukat Generali isejjah "isem kummercjali". Illi huwa punt bazilari illi ismijiet kummercjali ma jistghu qatt ikunu suggetti tad-dritt izda huma biss persuni (individwi jew korpi morali) illi jistghu jkunu suggetti tad-dritt.

Illi l-Avukat Generali jittenta jargumenta illi gie stabbilit illi l-licenzja tal-kummerc hija f'isem l-imputat u hemm indikat ukoll l-isem kummercjali "Ivory & Co" u dan ukoll ikompli jirrinforza t-tezi u s-sottomissjoni tal-esponenti stess fis-sens illi, f'kaz ta' xi ksur ta' xi kundizzjoni ta' tali licenzja tal-kummerc, huwa l-imputat stess illi jkun responsabbli, anke kriminalment ghal tali ksur, izda dan bl-ebda mod ma jfisser illi jista' jitressaq l-isem kummercjali "Ivory & Co" ta' xi ksur tal-licenzja tal-kummerc. Lanqas ma wiehed jista' jargumenta illi hemm xi ness minhabba l-indirizz li fih gie notifikat l-esponenti.

Illi ghandu jinghad illi huwa principju baziku fil-ligi nostrana li ndividwu jew socjeta' li ghandha personalita' guridika f'ghajnejn il-ligi u isem li bih jitmexxa l-kummerc ta' individwu u/jew socjeta' kummercjali m'ghandhomx jitqiesu l-istess haga. Ghalhekk filwaqt illi bniedem jew socjeta' li hija rregistrata mar-Registru tal-Kumpaniji ghandha personalita' guridika u ghaldaqstant hija tista' tigi tistitwixxi proceduri jew inkella tigi mharrka skont il-ligi daqslikieku hija persuna ordinarja l-istess bl-ebda mod ma jista' jigi estiz jew jinghad dwar isem kummercjali li bl-ebda gbid tal-imaginazzjoni ma' jista' jkollu, jew tigi konferita bil-personalita' guridika.

Illi din il-konfuzjoni tkompli tirrenja anke fid-decizjoni tat-Tribunal tal-Konsumatur peress illi l-istess Tribunal jirreferi ghall-isem kummercjali "Ivory & Co" bhala "l-kumpannija intimata"

Illi ghaldaqstant ladarba l-akkuza harget fil-konfront tal-appellat f'ismu personali l-Qorti gustament kkonkludiet illi ma setax jinstab hati tal-akkuzi dedotti kontrih.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti umilment jissottomett illi l-Appell odjern ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell gie mressaq mill-Avukat Generali ghaliex fil-fehma tieghu l-ewwel Qorti ghamlet enunzjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ipotezo tal-ligi. L-appell sar fit-termini ta' l-artikolu 412(1)(b)(iv)(i) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-Avukat Generali ma jaqbilx mal-komkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti li, din ta' l-ahar, ma setghetx issib ness legali bejn l-appellat, Josef Gauci, u Ivory & Co, kif indikata fis-sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur.

Illi dan hu kaz sommarju u ghalhekk din il-Qorti kellha terga tisma x-xhieda prodotti quddiem l-ewwel Qorti billi ma saret ebda traskrizzjoni tax-xiehda moghtija u fliet bir-reqqa d-dokumenti ezebiti quddiem l-ewwel Qorti.

Illi s-sentenza tat-tribunal hawn fuq imsemmi giet ezebita fl-atti u mal-ewwel daqqa ta' ghajn din il-Qorti hi tal-fehma li tali sentenza ma gietx pronunzjata kontra l-appellat izda kontra t-'trade name' li tahtu huwa jopera.

Illi l-Avukat Generali hu ben konxju ta' dan il-fatt tant li hu jinvoka l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta (L-Att Dwar L-Interpretazzjoni). Dan l-artikolu jghid testwalment:

> "Meta xi reat taht jewe kontra xi dispozizzjoni li tinsab b'xi Att, li jkun ghadda sew qabel jew war dan l-Att, isir minn korp jew ghaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin tal-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat: ..."

Illi l-parti li qed jinvoka huma l-kliem "... sew jekk tkun persuna guridika jew le..." dawn il-kliem huma ntizi biex jispecifikaw is-socjetajiet kummercjali, partnerships jew sitwazzjoni ohra li ghalkemm mhux regolati bil-ligi jistghu jaghti hjiel li huma ghaqda jew assocjazzjoni ta' persuni. Fil-kaz in ezami l-isem 'Ivory & Co' huwa trade name u ma ghandu xejn x'jaqsam ma dan l-artikolu tal-ligi. Min imkien ma jirrizulta li dan l-isem jista' jkun wiehed ta' socjeta' jew ghaqda ohra ta' persuni.

Illi a bzi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.